MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 621/2014

**Gollcher Company Limited**
**C3701**

**vs**

**Cassar Wayne, f'ismu propju u**
**ezercenti l-kummerc bl-isem**
***"Breeze Express"***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta` attrici ddikjarat illi l-intimat huwa debitur tas-Socjeta` rikorrenti fis-somma ta' elf, seba' mija u hamsa u ghoxrin ewro, seba' u erbghin centezmu (€1,725.47c), ai termini tal-*invoices* numri 294655 u 294717 rapprezentanti servizzi rezi u spejjez sbursati u inkorsi fuq istruzzjonijiet tal-intimat. Ghalkemm l-intimat gie debitament interpellat

sabiex ihallas, huwa naqas milli jottempera ruhu. Ghaldaqstant l-intimat ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas is-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsa u ghoxrin ewro, seba’ u erbghin centezmu (€1,725.47c) lis-Socjeta` rikorrenti.

Bl-imghax legali mit-28 ta’ Ottubru, 2013 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali tal-14 ta’ Lulju, 2014, kontra l-intimat, li minn issa jibqa’ ngunt ghas-Subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta` attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsa u ghoxrin ewro, seba’ u erbghin centezmu (€1,725.47c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------